# GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN, 30 TA' APRIL, 2001

*Avviz. Nru 112/01 AJD*

Allcare Insurance Agency Limited ghan-nom ta' Middle Sea Insurance plc

vs

Etienne Ciantar

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Frar, 2001, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamsa u sebghin lira Maltin u hames centezmi (Lm75.05), rappresentanti l-bilanc mill-prezz ta' 'premiums' dovuti fuq poloz ta' assikurazzjoni mahruga fuq ordni u inkarigu tal-konvenut, kif jidher mill-istatement (Dok. A).
Bl-ispejjes, u bl-imghax mis-27 ta' Ottubru, 2000, kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, deher biss fis-seduta tal-llum u baqa' ma prezentax risposta.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Christopher Vella, in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonferma li l-ammont ghadu dovut lis-socjeta' attrici. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamsa u sebghin lira Maltin u hames centezmu (Lm75.05) bl-imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill- konvenut skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR